MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 839/2007/1

Direttur Servizzi tal-Kummerċ

vs

Pauline Vella

Illum 30 ta’ Ottubru 2012

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta’ Pauline Vella tas-7 ta’ Diċembru 2007.

Rat ir-Risposta tad-Direttur intimat.

Rat l-atti l-oħra tar-Rikors, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti.

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-artikou 466 tal-Kap.12, fejn ir-rikorrent qed tikkontesta l-akkwist ta’ titolu eżekuttiv da parti tad-Direttur Servizzi tal-Kummerċ dwar l-ammont indikat fir-Rikors.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-ammont ta’ mitt lira maltija (Lm100), pari għal mitejn tnejn u tletin euro u erba’ u disgħin ċentezmu (€232.94), pretiż mid-Direttur imsemmi għal liċenzji ta’ ħanut mhux imħallsa għall-perijodu bejn l-2003 u l-2006 mhux dovut. Dan issostnieħ għaliex fl-istess perijodu hija ma kienitx qed topera mill-ħanut li dwaru kienet inħarġet il-liċenzja indikata, peress li ġiet żgumbrata minnu permezz ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell mogħtija fl-10 ta’ April 2003 fil-kawża fl-ismijiet: “Nikolina Bugeja vs Pawla Vella (Avviż Numru: 37/1993PC)”, li tagħha esebiet kopja ukoll.

Id-Direttur Servizzi tal-Kummerċ wieġeb illi l-ammont in kwistjoni huwa dovut għax baqa’ qatt ma rċieva mingħand ir-rikorrenti l-applikazzjoni rikjesta mil-liġi sabiex jiġi nformat li din ma kienitx besiebha ġġedded din il-liċenzja. Fin-Nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu jiċċita mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 maħruġa taħt il-Kap.441, u speċifikament mir-regolament 16. Huwa minnu li dan ir-regolament jesiġi li detentur ta’ liċenzja għandu javża lis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ bil-ħsieb tiegħu li ma jġedditx il-liċenzja tal-ħanut minnu operat, u li sakemm ma jsirx dan l-avviż, il-ħlas għal-liċenzja jibqa’ dovut. Imma din il-Leġislazzjoni Sussidjarja ġiet ippubblikata biss fis-6 ta’ Jannar 2006 u għalhekk ma tistax tkun applikabbli għal xi ammonti li setgħu kienu dovuti għas-snin preċedenti meta allura ma kienux għadhom ġew fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

Fin-nuqqas għalhekk tad-Direttur Servizzi tal-Kummerċ li jindika korrettement taħt liema liġi jew regolament kien qed jippretendi l-ħlas ta’ l-ammont minnu reklamat, din il-

Qorti ma tistax tiddeċiedi jekk kellux raġun jesiġi dan il-ħlas mingħand ir-rikorrenti.

Għaldaqstant billi ma jirriżultax sodisfaċentement li l-ammont mitlub mill-intimat presenti Direttur Servizzi tal-Kummerċ huwa tassew dovut, tilqa' t-talba u tiddikjara t-talba ta' l-istess Direttur kif magħmula fl-ittra uffiċċjali hawn fuq indikata bħala waħda infondata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat presenti d-Direttur Servizzi tal-Kummerċ.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------